MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 99/2024 LM

**Vanessa Mifsud (K.I. Nru. 500993(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Kerber Security Limited (C 37233)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Kerber Security Limited (C 37233)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fil-15 ta' Novembru, 2024, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru.

4185/JB, fejn iddeċieda t-talba tar-rikorrenti **Vanessa Mifsud (K.I. Nru. 500993(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], kif ġej:

> *"Għalhekk, it-Tribunal wara li eżamina u evalwa d-dikjarazzjonijiet ta' dan il-każ, il-provi, kif ukoll it-trattazzjonijiet tal-avukati, jiddeċiedi li r-rikorrenti, Ms. Vanessa Mifsud ma kienx jistħoqqilha terminu mill-impjieg u għalhekk dan jitqies bħala tkeċċija mill-impjieg li hi nġusta u għalhekk hemm lok li tingħata kumpens.*
>
> *It-Tribunal għalhekk jirreferi għall-artikolu 81 (2B) tal-Kap. 452 Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali fejn ingħad,* "meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens, it-Tribunal għandu iqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta, kif ukoll ċirkostanzi oħra, inkluż l-età u s-snajja' tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem."
>
> *Il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' sbatax il-elf u mitt Ewro (Euro 17,100), liema kumpens għandu jitħallas mis-soċjetà intimata fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.*
>
> *A tenur tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lil kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disgħin Ewro u sbatax il-ċenteżmu (Euro 93.17) kull wieħed.*
>
> *B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw l-allegazzjoni magħmula mill-appellata ta' tkeċċija inġusta mix-xogħol tagħha minn mas-soċjetà appellanta li saret fl-14 ta' April, 2023, wara li hija kienet ġiet impjegata magħha bħala uffiċjal tas-sigurtà permezz ta' kuntratt ta' impjieg għal perijodu indefinit fl-1 ta' Jannar, 2020.

## Mertu

3. L-appellata istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fl-20 ta' Ġunju, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex:

*"i. Jiddikjara u jiddeċiedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti ma kinitx ibbażata fuq raġuni ġusta u suffiċjenti skont il-liġi;*

*ii. Jiddikjara u jiddeċiedi illi s-soċjetà intimata tinżamm responsabbli għall-ħlas ta' kumpens ġust u ekwu skont il-liġi, u jillikwida l-istess kumpens u jordna l-ħlas tal-ammont hekk illikwidat lir-rikorrenti mis-soċjetà intimata."*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-22 ta' Settemrbu, 2023, fejn eċċepiet is-segwenti:

*"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż billi, kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-każ, is-soċjetà ntimata kellha raġuni mill-aktar tajba u suffiċjenti skont il-liġi sabiex tittermina l-impjieg tar-rikorrenti.*

*2. Illi r-rikorrenti rrendiet ruħha ħatja, għal diversi drabi fil-kors tal-impjieg tagħha mas-soċjetà ntimata u bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg relattiv, ta':*

*i. Ipprestar ta' xogħol ħażin li kkaġuna reputazzjoni ħażina lis-soċjetà ntimata u attendenza għax-xogħol tard;*
*ii. Ksur ta' regolamenti,* policies, *proċeduri u struzzjonijiet tal-kumpannija u tal-klijenti tal-kumpannija;*
*iii. Insubordinazzjoni u nuqqas ta' rispett lejn is-superjuri tagħha.*

*3. Illi għalkemm ir-rikorrenti twissiet kemm -il darba mis-superjuri tagħha sabiex tbiddel l-attitudni u l-imġieba tagħha fuq il-post tax-xogħol, u dan per konsegwenza ta' lmenti dokumentati mill-klijenti tas-soċjetà ntimata, ir-rikorrenti baqgħet ma tatx widen u saħansitra l-attitudni u l-imġieba tagħha marru għall-agħar.*

*4. Illi l-impjieg tar-rikorrenti bħala uffiċjal tas-sigurtà ma baqax aktar tenibbli u s-soċjetà intimata, li solitament toqgħod lura ferm milli tkeċċi mpjegati minn tagħha, ma kellha l-ebda alternattiva għajr li tittermina l-kuntratt.*

*Bl-ispejjeż."*

**<u>Id-deċiżjoniji tat-Tribunal</u>**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

***"KUNSIDERAZZJONIJIET:***

*Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi. Dan għamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-proċess, u dan kif ġew sponuti mix-xhieda u bosta dokumenti mill-partijiet. It-Tribunal wara li eżamina dak li ntqal mix-xhieda, qiegħed jagħti aktar kredibilità lir-rikorrenti, is-Sinjura Vanessa Mifsud bil-mod kif żvolġew l-affarijiet.*

*It-Tribunal jirrileva ċerta inkonsistenza fix-xhieda li ngħatat minn diversi persuni. Apparti minn hekk, it-Tribunal iqis illi l-allegazjoni illi r-rikorrenti Vanessa Mifsud b'xi għemil tagħha għamlet xi ħsara lill-kumpannija assolutament ma tirriżultax mill-provi miġjuba.*

*Dwar okkażjoni waħda fejn ir-rikorrenti irrapportat tard għax-xogħol, ir-rikorrenti f'affidavit li ġie ippreżentat fit-Tribunal Industrijali fil-5 ta' Ġunju, 2024 iddikjarat fost affarijiet oħra li kienet wasslet għax-xogħol tagħha tard minħabba li sabet* puncture *fil-karozza tagħha u* spare wheel *ma kellix. Minħabba f'hekk ġiet sospiża mix-xogħol għal 6 ijiem. Dwar il-*warnings *bil-miktub, ir-rikorrenti tiddikjara li qatt ma ġie ippreżentat* warning *quddiemha biex tiffirmah. Mill-banda l-oħra, l-intimati naqsu jġibu prova permezz ta' xhieda illi l-*warnings *imsemmija attwalment ġew notifikati jew mogħtija lir-rikorrenti.*

*Dwar li hija ħadmet ta' billejl fis-sit ta' Tas-Silġ fejn ħalliet ħafna loqom tas-sigaretti, hija tiddikjara li qatt ma ħadmet billejl. Tgħid ukoll li lanqas biss kienet tpejjep. Min naħa tal-intimati ma nġabrux provi illi jistabbilixxu b'ċertezza illi r-rikorrenti kienet attwalment ħadmet bil-lejl f'Tas-Silġ u wisq anqas illi l-loqom tas-sigaretti li kien hemm fis-sit kienet iddisponiet minnhom hija waqt li kienet hemm fuq xogħol.*

*Dwar l-uniformi, ir-rikorrenti tiddikjara li dejjem kienet bl-uniformi kif suppost meta tkun fis-siti. Min naħa tal-intimati ma nġabrux provi suffiċjenti illi jistabbilixxu illi r-rikorrenti ma kinitx tkun liebsa l-uniformi kif suppost.*

*Dwar il-*videos *fuq Tiktok ir-rikorrenti tiddikjara li dan il-*video *sar fil-ħin tal-*break *tagħha. Ma jirriżultax mill-provi illi r-rikorrenti għamlet dan il-*video *waqt ħin li hija suppost kienet qiegħda taħdem. Jekk l-intimati kellhom raġuni valida sabiex jipprojbixxu l-użu ta' ċertu* social media *anki waqt il-ħinijiet tal-*breaks, *dawn misshom stabbilewh b'mod espliċitu fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tagħhom.*

*It-Tribunal isostni li tkeċċija mix-xogħol għandha tkun '*the very last resort'. *U jekk issir tkeċċija, din għandha ssir wara li l-persuna konċernata tingħata smigħ kif jixraq,*

*imparzjali, u opportunità li tiddefendi ruħha. Anke jekk hemm bżonn b'għajnuna legali. Fil-każ ta' Vanessa Mifsud, dan qatt ma sar.*

*L-istess Qrati f'Malta diversi drabi sostnew illi l-impjieg huwa għajn tal-għajxien għall-ħaddiema u għall-familji tagħhom u għaldaqstant jimmerita protezzjoni. Tkeċċija mix-xogħol trid tkun konsegwenza ta' nuqqasijiet gravi kjarament attribwibbli lill-impjegat in kwistjoni u wara li l-impjegat ikun ingħata ċans xieraq biex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu. Meta imbagħad impjegat iressaq il-każ tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali, l-*employer *għandu l-obbligu li jġib il-provi tan-nuqqasijiet abbażi ta' liema jkun ittermina l-impjieg ta' dak il-ħaddiem. Dan l-obbligu ma jistax jittieħed b'mod leġġer u l-provi li jinġiebu quddiem it-Tribunal iridu jreġu bħala tali. Fil-każ odjern dan it-Tribunal ma jqisx illi n-nuqqasijiet attribwiti lir-rikorrenti ġew ippruvati b'mod sodisfaċenti. Anzi l-provi li nġiebu, jekk tista' issejħilhom hekk, kienu ta' natura* più o meno *konġetturali u għaldaqstant ma jikkonvinċux lil dan it-Tribunal."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-27 ta' Novembru, 2024, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha:

*"...tirrevoka d-deċiżjoni appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti mqanqla quddiem it-Tribunal Industrijali, u konsegwentement tiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet ibbażata fuq raġuni valida u ġusta kif titlob il-liġi"*

Is-soċjetà appellanta tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) id-deċiżjoni appellata mhijiex suffiċjentement motivata; (b) it-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-kwistjoni kif kien jixraq skont il-liġi; u (ċ) id-deċiżjoni appellata ma tispjegax kif it-Tribunal wasal għall-kumpens li fil-fehma tagħha huwa wieħed eżaġerat.

## Ir-risposta tal-appellata

7. L-appellata wieġbet fl-4 ta' Diċembru, 2024, fejn qiegħda ssostni li l-appell odjern huwa null u bla effett, għaliex ma sarx *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tistħarreġ jekk l-appell odjern huwiex tassew inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu (3) tal-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, skont kif qiegħda tikkontendi l-appellata.

9. Tikkunsidra li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta fil-konfront tad-deċiżjoni appellata huwa li din hija nieqsa minn motivazzjoni tajba, fejn hija tgħid li ma kinitx qiegħda taqbel mal-mod kif it-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal tassew ikkunsidra numru ta' fatturi li ġew allegati mis-soċjetà appellanta, u qies il-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet dwar dak li tassew ġara. Iżda huwa sab li l-allegazzjonijiet magħmulin mis-soċjetà appellanta ma kienux sostanzjati bi prova tajba, u b'hekk ikkunsidra li l-appellata ma kinitx ingħatat smigħ xieraq mis-soċjetà appellanta fir-rigward ta' dawk l-allegazzjonijiet qabel ma tkeċċiet mill-impjieg tagħha. It-Tribunal ikkunsidra wkoll li l-istess soċjetà appellanta kienet naqset li turi b'mod sodisfaċenti dawk in-nuqqasijiet li hija kienet qegħda tallega min-naħa tal-appellata, fejn sejjaħ il-provi li tressqu bħala *'più o meno konġetturali u għaldaqstant ma jikkonvinċux lil dan it-Tribunal'.* Il-Qorti f'dan kollu tagħraf motivazzjoni tajba għad-deċiżjoni li wasal għaliha t-Tribunal. Jekk imbagħad l-ilment tas-soċjetà appellanta pjuttost huwa wieħed ta' opinjoni diversa dwar il-fatti kif seħħew, dak ċertament jaqa' fil-mertu, u ma jistax jiġi kkunsidrat.

10. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta li t-Tribunal ma kkunsidrax il-kwistjoni kif kellu jagħmel skont il-liġi, il-Qorti mill-ewwel tagħraf li hawnhekk is-soċjetà appellanta qiegħda tqajjem diversi kwistjonijiet relatati mal-mertu tal-vertenza odjerna. Dan mhux permissibbli skont id-

dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, li jitlob li appell f'każ ta' allegata tkeċċija inġusta għandu jkun limitat għal punt ta' liġi. Għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dan it-tieni aggravju.

11. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li t-Tribunal ma spjegax kif illikwida l-kumpens dovut lill-appellata, u li dan huwa wieħed eżaġerat. Il-Qorti tagħraf li tassew it-Tribunal naqas milli jagħti l-motivazzjoni sħiħa tiegħu dwar kif wasal għall-imsemmija somma. Il-Qorti digà kellha l-opportunità f'okkażjonijiet oħra li tissenjala li mingħajr motivazzjoni xierqa, il-partijiet ikunu qegħdin jiġu mċaħħda minn kull raġuni li tkun wasslet lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra li s-soċjetà appellanta għandha raġun tilmenta min-nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-appellata.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara li l-ewwel żewġ aggravji tal-appell tas-soċjetà appellanta huma irriti u nulli, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom, tilqa' l-aħħar aggravju tagħha, u tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal, u tordnalu sabiex jispjega l-motivazzjoni tiegħu fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens ta' sbatax-il elf u mitt Euro (€17,100) pagabbli mis-soċjetà appellanta lill-istess appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, jibqgħu kif deċiżi u dawk tal-appell odjern għandhom jitħallsu in kwantu għal tliet kwarti (3/4) mis-soċjetà appellanta u in kwantu għal kwart (1/4) mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**